Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT G 24/10 (JE).

Georgette Bezzina

vs

Furniture & Hardware Gozo Ltd.

Illum, 11 ta' Mejju 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Georgette Bezzina tal-20 ta' Diċembru 2010 fejn talbet illi s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tirrifondi lill-attriċi l-ammont ta' elf u seba' mitt euro (€ 1,700) rappreżentanti il-prezz ta' sufan li xtrat mingħandha illi wara ftit ġimgħat mill-konsenja, u minkejja li ġie rranġat mill-istess soċjetà konvenuta, bdew jitqattgħawlu l-punti u anke ħarġet l-isponża minnu.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha ċaħdet l-allegazzjonijiet tal-attriċi. Is-salott ġie kkunsinjat fis-16 ta' Jannar 2010 u fit-18 ta' Jannar 2010, inħarġet irċevuta fiskali. Wara xi ftit xhur, l-attriċi rrapurtat xi punti tal-ħjata imżartin f'parti mis-sufan. Dan l-ilment ġie rranġat mill-fornitur oriġinali, id-ditta "Value Direct". Il-propjetarju ta' l-istess ditta kien ġibed l-attenzjoni tal-attriċi illi l-kamra fejn tpoġġa s-sufan kienet żgħira wisq għal salott bir-"recliners" li kienet qed issirlu l-ħsara kull darba illi jinfetħu r-"recliners". Għaddew xi xhur u l-attriċi reġgħet ilmentat. Is-soċjetà konvenuta ċaħdet illi hija ma tatx każ dan l-ilment u nfurmat lill-attriċi illi kienet ser tikkuntattja lill-fornitur Malti imma l-attriċi bdiet tgħajjat li trid sufan ġdid u heddet li ser tieħu l-każ quddiem dan it-Tribunal. .

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi huwa ċar illi s-sufan in kwistjoni ġarrab ħsara. Il-ħsara hi ta' żewġ tipi : hemm brix fil-warrani tas-sufan kif ukoll tiżrit fil-ħjata tiegħu. Is-soċjetà konvenuta qiegħda tallega illi l-brix hu frott tal-fatt illi l-kamra fejn qiegħed dan is-sufan hija żgħira wisq u għaldaqstant, kull darba illi jinfetħu r-"recliners", is-sufan jaħbat mal-ħajt u jinbarax. Dana madankollu ma jispjegax għala is-sufan qed ikollu tiżrit fil-ħjata tiegħu kif muri fir-ritratti GB 1 u GB 4. It-Tribunal ma jifhiemx dak illi stqarr Pierre Borg fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2011 meta qal : "Nikkonferma illi l-ħsara illi hemm f'GB4 ma hix minħabba illi s-sufan ħabat mal-ħajt imma għaliex intuża ħażin fis-sens li s-sufan jiddependi kif tpoġġi u tqum minn fuqu. Peress illi din hija ħjata huwa possibli li tiżżarrat jekk ma jintużax sew." Għalkemm wieħed irid juża sufan bil-qies, ma hux aċċettabli illi sufan jiżżarrat b'użu normali tiegħu u li wieħed irid joqgħod attent kif ipoġġi bil-qiegħda fuqu sabiex jevita tali tiżrit. Jidher illi l-attriċi, illi m'għandhiex

tfal jgħixu magħha, ma użatx is-sufan ħlief fil-mod normali kif inhu ntiż biex jintuża. Huwa probabilment minnu illi l-kamra fejn tpoġġa hija żgħira u dan il-fatt qed jikkawża l-brix lamentat. Imma t-tiżrit in kwistjoni jista' jkun biss ir-riżultat ta' difett ta' manifattura.

Illi l-asserzjoni tas-soċjetà konvenuta illi tali tiżrit huwa r-riżultat ta' użu ħażin da parti tal-attriċi u min minnha ta' l-istess sufan hija qajla kredibbli. Ma nġabet l-ebda prova quddiem it-Tribunal fis-sens kuntrarju, l-anqas da parti tas-soċjetà konvenuta. It-Tribunal jemmen illi sufan ta' ċerta valur għandu jkun diżinjat b'tali mod u manjiera illi jiflaħ għal ċerta ammont ta' strapazz u għaldaqstant, tali tiżrit m'huwiex aċċettabli.

Għaldaqstant, it-Tribunal isib illi s-sufan in kwistjoni m'huwiex konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ta' bejgħ ai termini ta' l-artiklu 73(1)(ċ) tal-Kap. 378 in kwantu dana beda jiżżarrat u jrid jipproċedi biex jagħti rimedju fir-rigward. Illi għalkemm is-soċjetà konvenuta inizjalment ippruvat tirrimedja tali tiżrit, meta tali problema reġgħet okkorriet, l-attriċi rrifjutat illi jerġa jsir intervent sabiex tali tiżrit jissewwa. Għaldaqstant, l-attriċi rrifjutat ir-rimedju skond kif jiddisponi l-artiklu 74(2) (a) tal-Kap. 378 u qed titlob rimedju għab-bażi ta' l-artiklu 74(2)(b) u 76 tal-Kap. 378.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u speċjalment minħabba l-fatt illi s-sufan in kwistjoni probabilment ġratlu ukoll ħsara minħabba użu ħażin da parti tal-attriċi, m'huwiex il-każ illi tiġi ordnata r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

Għaldaqstant, it-Tribunal *arbitrio boni viri* qiegħed jilqa' in parti t-talbiet attriċi u jordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett mitt euro (€ 300) u dana sabiex jagħmel tajjeb għat-tiżrit in kwistjoni u kwalunkwe tiswija li tista' tiġi ttentata. Bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.